Kunsill Lokali Ħal Balzan

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

## L-GĦAXAR LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 5

Data tal-laqgħa: 29 ta' Ottubru 2024

Il-Kunsill Lokali Ħal Balzan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fil-5.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Dr Angelo Micallef – Sindku (AM)
Edward Grech – Viċi Sindku (EG)
Annalise Galea – Kunsillier (AG)
Mary Louise Briffa – Kunsillier (MLB)
Dr Oliver Nicholas De Gaetano – Kunsillier (ONDG)

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (4):

Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

## Minuti

Is-Sindku AM ippresjeda l-laqgħa.

## 5.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

5.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 5.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

5.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tal-Laqgħa Nru. 4 u ta' Laqgħa tal-Lokalità Nru. 1. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

5.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Fuq proposta tal-Kunsillier AG, li kienet issekondata mill-Viċi Sindku EG, il-minuti ta' Laqgħa Nru. 4 ġew approvati. Fuq proposta tal-Kunsillier ONDG, li kien issekondat mill-Viċi Sindku EG, il-minuti tal-Laqgħa tal-Lokalità Nru. 1 ġew approvati.

## 5.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

5.3.1.1 Para 4.3.1 – Dawl dekorattiv
Is-SE infurmat li l-kuntrattur tal-*istreet lighting* għamel spezzjoni u infurmana li ma jistax isir dawl bil-kulur mal-arbli. Qal li normalment dawl bil-kulur isir biex jixgħel xi faċċata u mhux arbli.

5.3.1.2 Is-Sindku issuġġerixxa li nagħmlu dawl mas-siġar tal-pjazza. Se niċċekkjaw mal-kuntrattur.

5.3.2 Para 4.3.2 – *Residential Parking Scheme*
Is-Sindku infurma li ktibna lis-CEO (Kurt Farrugia) ta' TM u għadna qed nistennew risposta. Is-Sindku se jkellem lis-Sindku ta' San Pawl il-Baħar għax għadhom kemm ħabbru li għamlu xi *residential parking* ġodda.

5.3.3 Para 4.3.3 – Problema ta' ġrieden
Is-SE infurmat li r-*rat bait boxes* se jiġu installati nhar l-Erbgħa 30 ta' Ottubru 2024.

5.3.4 Para 4.3.7 - *Framework Agreement – Public Works*
Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-BOQs li ħejja l-Perit għal *patching* (*hot asphalt*) ta' Triq Santa Marija. Il-Kunsill unanimament qabel li nissottomettu l-applikazzjoni lill-*Public Works* biex issir it-triq kollha.

5.3.5 Para 4.4.5 - Talba biex titneħħa bozza minn ma' faċċata minħabba kostruzzjoni – Triq il-Kannizzata
Is-SE infurmat li wara l-laqgħa li saret mal-iżviluppatur, il-Kunsill qabel li jħallas l-ispejjeż tal-bozza, filwaqt li l-iżviluppatur iħallas l-ispejjeż biex titneħħa u tiġi nstallata mal-faċċata tad-dar ta' maġenbu.

5.3.6 Para 4.4.6 - Kwistjoni biex terġa' teħel il-bozza fi Triq il-Karenza k/m Triq il-Ferrovija l-Qadima
Is-SE infurmat lis-sid aċċetta li l-bozza terġa' teħel mal-faċċata tal-binja għas-spejjeż tiegħu.

5.3.7 Para 4.13.6 - Bozza mneħħija minn ma' faċċata fi Triq Dun Gwann Zammit Hammet
Is-SE infurmat li l-iżviluppatur bagħat dettalji ta' bozza li ordna biex teħel mal-faċċata. Il-kuntrattur tal-Kunsill infurmana li din il-bozza mhix konformi mal-i*specs* mitluba minn l-Enemalta plc. Is-SE infurmat b'dan lill-iżviluppatur u qed nistennew risposta.

**F'dan il-ħin (5.15pm) daħlet il-Kunsillier MLB għal-laqgħa.**

5.3.8 Para 4.3.8 - Reklamar diġitali
Is-SE infurmat li qed jinġabru l-kwotazzjonijiet għal *noticeboard* elettronika. Kien hemm qbil li nġibu prezzijiet għal qies 43'' u 49''.

5.3.9 Para 4.13.2 - Kwotazzjonijiet għal kiri ta' *multifunctional photocopier*
Is-SE infurmat li bi qbil tal-Kunsill, il-kumpanija offriet li nżommu l-istess *photocopier* li għandna preżentament għal sentejn oħra u nħallsu biss ir-rata għal kull paġna li tiġi stampata. B'hekk il-Kunsill franka r-renta ta' €35 (VAT eskluż) fix-xahar.

5.3.10 <u>Para 4.3.9 - *Telephone Box* li hemm fil-Pjazza</u>
Is-Sindku infurma li għadna mingħajr risposta u għalhekk se jkun qed ikellem lill-persuna mill-GO plc li tieħu ħsieb il-permessi fil-lokalità.

5.3.11 <u>Para 4.3.10 - *Un/Loading Bays* f'Wied Ħal Balzan</u>
Is-SE infurmat li l-*un/loading bay* li saret quddiem l-ex-Pro-Kitchen ġiet imċekkna.

5.3.12 <u>Para 4.10.1 - Triq San Franġisk</u>
Il-kwistjoni tal-bankini tal-parti ta' bejn l-ispiżerija u Triq it-Tabib J. Zammit, għadha pendenti. Is-Sindku talab li ssir laqgħa mal-Perit peress li hemm numru ta' kwistjonijiet pendenti.

5.3.13 <u>Para 4.10.2 - Proġett ta' *Embellishment* fi Triq il-Qarċilla</u>
Is-Sindku infurma li ltaqa' mar-residenti, fejn intlaħaq kompromess billi titneħħa biċċa mill-*planter* u minflok ssir *parking bay.* Il-Perit tal-Kunsill infurmana li biex dan ikun possibbli, trid issir emenda tal-permess ma' PA. Il-Kunsill iddiskuta u approva li napplikaw mal-PA biex issir l-emenda u l-Kunsill ikun jista' jimplimenta dan it-tibdil. Peress li hemm aktar minn opzjoni waħda ta' kif jista' jsir dan it-tibdil, il-Kunsill qabel li jagħżel l-opzjoni l-iktar *cost effective.*

## 5.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

5.4.1.1 <u>Vjal Kulħadd</u>
Il-Kunsill iddiskuta u unanimament approva li jissottometti l-applikazzjoni għall-Inizjattiva Vjal Kulħadd biex isir il-proġett *Enhancement of Community Well-Being* fi Plot Vakanti li jinsab fi Triq Birbal k/m Triq il-Papa Alessandru VII k/m Triq Idmejda.

5.4.1.2 Il-Kunsill qabel ukoll li, jekk tintgħażel, il-proposta skematika, tiġi diskussa mal-komunità lokali permezz ta' forum pubbliku.

5.4.2 <u>Ħsara fil-*Belisha Lights* fi Triq Birbal</u>
Is-Sindku wera d-diżappunt tiegħu għal *email* li irċivejna mingħand Joseph Vitale (MSD), fejn beda jargumenta bl-aktar mod arroganti li huma m'għandhom l-ebda responsabbiltà li jirranġawhom. Ta' min jirrimarka li Triq Birbal hija mniżżla b'mod ċar ma' TM bħala waħda mit-toroq arterjali u distributorji u għalhekk ma taqax taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill. U għalhekk is-SE irrifjutat li jintużaw il-fondi tal-Kunsill biex tiġi rranġata din il-ħsara. Fil-fatt wara ħafna żmien, xi ħadd irranġahom. Is-Sindku qal għal din id-darba għaddiet, però il-Kunsill mhux se jittollera din it-tip ta' attitudni u jekk terġa' tiġi se jittieħdu l-passi neċessarji fil-konfront tiegħu.

5.4.3.1 <u>*European Week for Waste Reduction* 2024</u>
Is-Sindku issuġġerixxa li nieħdu sehem billi nqassmu *tote bags* lir-residenti biex jintużaw għax-xirjiet, fejn fuqhom ikun hemm stampat punti ta' kif wieħed jista' jipprevjeni ħela ta' ikel. Il-Kunsill qabel ma' din l-inizjattiva.

5.4.3.2 Ġew preżentati kwotazzjonijiet għal dawn it-*tote bags*. Il-Kunsill approva l-irħas offerta u se jiġu ordnati 200 basket.

**F'dan il-ħin (5.39pm) ġiet sospiża l-laqgħa biex jiġi diskuss il-kuntratt tas-servizz ta' knis. Il-laqgħa tkompliet fis-5.48pm.**

5.4.4 <u>Xogħlijiet tal-WSC</u>
Is-Sindku infurma li l-WSC, apparti x-xogħlijiet li qed jagħmlu bħalissa fil-lokalità, applikaw biex isir xogħol ieħor. Is-Sindku qal li se jkunu qed jaħdmu b'kuntrattur ieħor u s-CEO (Karl Cilia) talab li ssir laqgħa mas-Sindku qabel jibdew ix-xogħlijiet.

5.4.5 <u>Triq il-Ferrovija l-Qadima k/m Vjal il-Bon Pastur</u>
Is-Sindku infurma li għadna qed nistennew risposta minn IM, dwar meta se tiġi rranġata l-ħofra kbira li tħalliet wara li tneħħa arblu Triq il-Ferrovija k/m Vjal il-Bon Pastur. Se nibgħatu lis-CEO ta' IM, is-Sur Steve Ellul.

## 5.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

5.5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

## 5.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Rapporti

5.6.1 Rapport Finanzjarju għat-tielet kwart minn Jannar sa Settembru 2024
Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill ir-Rapport Finanzjarju għat-tielet kwart li jkopri l-perjodu minn Jannar sa Settembru 2024. Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa. Is-SE tat xi spjegazzjonijiet lill-Kunsill.

5.6.2 Fuq proposta tal-Kunsillier MLB, li kienet issekondata mill-Kunsillier ONDG, dan ir-rapport ġie approvat unanimament.

5.6.3 Is-Sindku aġġorna lill-Kunsill fuq is-sitwazzjoni finanzjarja pjuttost ħażina tar-Reġjun Tramuntana.

## 5.7 Skemi Finanzjarji

5.7.1 Is-SE infurmat li m'hemmx Skemi ġodda x'jiġu diskussi.

## 5.8 Attivitajiet u Tiżjin għal żmien il-Milied

5.8.1 Tiżjin f'Wesgħa Ġiġi Gauci
Bħas-snin preċedenti, il-Kunsill approva li jiffinanzja l-konsum tal-elettriku relatat mat-tiżjin tal-Milied li jsir mill-voluntiera fit-toroq ta' madwar Wesgħa Ġiġi Gauci.

5.8.2.1 Attività għal żmien il-Milied
Il-Kunsill iddiskuta l-attività li qed tiġi ppjanata għall-Ħadd, 22 ta' Diċembru 2024, fil-bandli għal żmien il-Milied. Il-Kunsill alloka l-kumplament tal-fondi li jibqa' mill-iskema maħruġa mir-Reġjun Tramuntana għal din l-attività.

5.8.2.2 Ġiet innutata *email* mingħand *events organiser* dwar avvenimenti li jistgħu jiġu organizzati għal żmien il-Milied. Kien hemm qbil li nibbukkjaw numru ta' servizzi offruti mill-*events organiser* u jieħu ħsieb l-organizzazzjoni tal-attività.

## 5.9 Proġett ta' *Embellishment* fi Triq il-Qarċilla

5.9.1 Il-proġett ġie diskuss aktar qabel f'*item* 5.3.13.

## 5.10 Kommemorazzjoni ta' personalitajiet lokali

5.10.1 Gabriel Caruana u Mons. Dun Ġwann Dimech
Dwar il-*mural* ta' Gabriel Caruana u l-bust ta' Mons. Dun Ġwann Dimech, is-SE infurmat li għadna qed nistennew risposta mingħand il-Perit.

5.10.2 Konti Bernardo Manduca
Dwar il-plakka tal-irħam tal-Konti Manduca li qed jiġi propost li jsir mal-ħajt ta' Villa Macedonia, is-Sindku se jkun qed ikellem lis-sid.

## 5.11 Fondi mill-ERA għal Tisbieħ f'Wied Ħal Balzan

5.11.1 Is-Sindku infurma lill-Kunsill b'laqgħa li kellu mal-ERA, flimkien mas-SE, fejn ġejna infurmati li allokaw fond ta' €10,482 biex jintuża speċifikament għat-tisbiħ ta' Wied Ħal Balzan. F'din il-laqgħa, il-Kunsill ġie ppreżentat bi tliet (3) proġetti proposti:

1. k/m Triq it-Tliet Knejjes;
2. fejn iz-*zebra cross* tan-naħa t'isfel tat-triq; u
3. k/m Triq it-Tabib J. Zammit.

5.11.2 Il-Kunsill iddiskuta u kien hemm qbil li l-aħjar proposta hija n-numru (k/m Triq it-Tabib J. Zammit). Peress li din il-kantuniera hija *blind spot*, se nitolbu lill-ERA biex minflok siġar jitħawwlu arbuxelli baxxi, jekk se titħawwel siġra, din m'għandiex tostakola l-vista tax-xufiera u ma tkunx invażiva. Barra minn hekk, irridu nkunu ċerti li ma noħolqux *blind spot* akbar u li ntejbu t-traffiku f'din il-*junction.*

## 5.12 *Heavy Vehicles* – Triq il-Providenza

5.12.1 Dwar il-proposta biex ma jitħallewx jgħaddu aktar *heavy vehicles* minn Triq il-Providenza, is-SE infurmat li ġew imqassma ittri fi 30 residenza tat-triq. Residenta qed toġġezzjona, filwaqt li resident ieħor qabel bil-kundizzjoni li jitħalla t-trakk tal-gass jgħaddi.

5.12.2 Il-Kunsill iddiskuta u qabel li t-tabelli li diġà hemm tan-'*No entry for heavy vehicles except to render a service*' nagħmluhom aktar viżibbli. Apparti minn hekk se niċċekkjaw ma' TM jekk nistgħux nagħmlu xi limitazzjoni fuq il-qies (kobor) tal-*heavy vehicles*.

## 5.13 Ilmenti u *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill

5.13.1 *Sleeping policeman* f'Wied Ħal Balzan

Ġie nnutat li l-i*sleeping policeman* li saret mingħajr mal-Kunsill ġie nfurmat, qed iżżomm l-ilma. Kien hemm qbil li ninfurmaw lill-TM bil-problema u nitolbuhom biex titneħħa l-biċċa tan-nofs.

5.13.2 Triq il-Ferrovija l-Qadima

Resident qed jitlob li jsiru aktar *bollards* biex vetturi ma jipparkjawx fl-ispazju ta' wara l-*bollards* (qabel ma toħroġ għal Vjal De Paule). Din it-talba ma ġietx approvata. Il-vetturi mhux qed jostakolaw l-ebda aċċess.

5.13.3.1 Parkeġġ fi Sqaq Nru. 2, Triq il-Kbira

Talba biex ma jipparkjawx iktar fl-isqaq għax qed jiġi ostakolat l-aċċess. Is-SE infurmat li l-Kunsill kien ġab approvazzjoni minn TM biex ma jitħallewx vetturi jidħlu fl-isqaq però r-residenti ma ridux. L-applikazzjoni biex jiġu installati *bollards* ma ġietx approvata minn TM. Ġie rrimarkat li hemm dyls fit-tarf tal-isqaq li qed jiġu kompletament injorati u għalhekk hemm bżonn ta' infurzar kontinwu.

5.13.3.2 TM ġibdu l-attenzjoni fuq *planters* li qed jostakolaw il-bankina fl-istess sqaq, fejn talbu lill-Kunsill biex jitneħħew. Ġie rrimarkat li parti mid-*dyl* qiegħed il'bogħod aktar mill-bankina u għalhekk se nġibu kwotazzjoni biex titwessa' l-bankina sad-*dyl*, biex jibqa' aċċess tal-bankina.

5.13.4 Talba biex jitneħħa *dog bin* minn Triq San Valentin k/m Triq il-Papa Alessandru VII

Qed issir talba mir-residenza tal-Ambaxxatur ta' Spanja biex jitneħħa *dog bin* li hemm mal-ħajt tal-villa għax qed jitpoġġew ħafna boroż tal-iskart madwaru. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li qabel jitneħħa, ninfurmaw lill-kollettur tal-iskart biex ma jagħmilx *piling* tal-boroż ma' din il-kanuniera.

5.13.5 Talba biex issir *un/loading bay* f'Wied Ħal Balzan

*Manor House* qed jitolbu li ssir *un/loading bay* quddiem il-ħanut. Din it-talba ma ġietx approvata għax diġà hemm waħda fil-viċinanzi.

5.13.6 Talba għal permess temporanju

Qed issir talba minn persuna taħdem fil-lokalità biex jinħarġilha permess biex tipparkja fiż-żoni riservati bil-ħin. Din it-talba ma ġietx approvata. Permessi jinħarġu biss lir-residenti li jipprovdu evidenza li joqgħodu Ħal Balzan.

5.13.7 Talba għal *bollards* mal-ġenb ta' garaxx fi Triq San Valentin

Qed issir talba biex jitwaħħlu *bollards* mal-ġenb ta' garaxx nru. 35 għax ta' kuljum qed jiġi ostakolat l-aċċess. Din it-talba ma ġietx approvata.

5.13.8 OSCE Meeting

Il-Pulizija li qed jieħu ħsieb is-sigurtà tal-*VIPs* barranin li se jkunu preżenti għal din il-laqgħa qed jitlob li jitneħħa l-parkeġġ ta' quddiem il-Corinthia, b'aċċess limitat għas-servizzi bejn it-3 u s-6 ta' Diċembru 2024. Se nitolbu aktar dettalji fuq l-avveniment u x'iridu jfissru b'aċċess limitat.

5.13.9 Triq Sant'Antnin

Ġiet innutata *email* b'numru ta' ilmenti fuq Triq Sant'Antnin. Parti żgħira minn din it-triq tagħmel ma' Ħal Balzan. Ir-residenta qed tissuġġerixxi:

- Tindif regolari – Il-kuntrattur tal-knis ġie infurmat biex regolarment inaddaf il-parti li tagħmel ma' Ħal Balzan;
- *Bollards* biex jiddefinixxu l-bankini bil-marki tat-toroq – il-parti li tagħmel ma' Ħal Balzan hija wisq dejqa biex isiru *bollards;*
- Jiġi iddevjat it-traffiku għal Triq il-Ġonna u Triq Birkirkara u tagħti aċċess biss għar-resident u biex

tagħti servizz – Din it-talba ma ġietx approvata għax toħloq inkonvenjent kbir għar-residenti ta' Ħal Balzan speċjalment għal dawk tal-parti ta' fuq ta' Triq il-Kbira;

- *Speed Control measures* - Se nitolbu għal aktar *enforcement*, *speed guns* illegali u *sleeping policemen* diġà hemm.

5.13.10 **Proposta biex jinbidel l-allinjament tal-bankina fi Triq Ġużè' Bonnici k/m Triq Balaguer**
Resident qed jipproponi li jinbidel l-allinjament tal-bankina fil-kantuniera u jiġi kollu 1.1m. Preżentament il-bankina tibda minn 1.1m u tidjiq għal 0.8m. Se napplikaw għal permess ma' TM.

5.13.11 ***Speed Limit Signs* f'Wied Ħal Balzan**
Talba biex isiru tabelli li jindikaw l-i*speed limit* f'Wied Ħal Balzan. Il-Kunsill approva u se napplikaw ma' TM.

5.13.12 ***Sleeping policeman* fi Triq San Franġisk**
Resident talab li ssir *sleeping policeman* fi Triq San Franġisk qabel ma toħroġ għal Wied Ħal Balzan. Ir-resident għandu l-ewwel iġib kunsens mir-residenti taż-żona, biex din it-talba tiġi diskussa.

5.13.13 **Talba biex Triq il-Kannizzata ssir kollha *one-way***
Qed issir talba biex Triq il-Kannizzata ssir kollha *one-way* bl-istess direzzjoni tal-parti t'isfel. Ġie rrimarkat li hemm bżonn pjan taż-żona kollha għax hemm toroq oħra li jiġu affetwati u għalhekk hemm bżonn ta' *Traffic Management Plan* dettaljat taż-żona kollha.

**F'dan il-ħin (7.20pm) il-Kunsillier MLB ġiet skużata mil-laqgħa.**

5.13.14 **Talba biex jiżdiedu l-linji sofor mal-ġenb tal-garaxx ta' Palazzo Olivier**
TM qed jitolbu l-kummenti tal-Kunsill għal din it-talba li saret lilhom, ara li ma ġietx approvata mill-Kunsill. Se ninfurmawhom li diġà hemm il-1m mal-ġenb tal-garaxx.

## 5.14 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

5.14.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' pagamenti nru. 10/24, li tinkludi l-ammont ta' €49.98c bħala *Petty Cash* għax-xahar ta' Settembru 2024.

5.14.2 L-iskeda ta' pagamenti kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier ONDG li kien issekondat mill-Kunsillier ONDG. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

## 5.15 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

5.15.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.30pm.

5.15.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar it-Tlieta, 26 ta' Novembru 2024 fil-5.00pm.

Konfermati, it-Tlieta, 26 ta' Novembru 2024.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Dr Angelo Micallef | Doriette Farrugia |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |